**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 149/2010**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**David Gauci Maistre**
**(ID 272(M))**

**Illum 14 ta' Lulju 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **David Gauci Maistre** ta' 37 sena, iben Godfrey u Joan nee` Byrne, imwieled tas-Sliema, nhar l-1 ta' Settembru 1971, residenti 39, Dorville, Triq il-Hemel, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 272(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar l-10 ta` April 2009, u fix-xhur qabel din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta tal-*cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

c) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

d) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2015, il-partijiet ddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2016, l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet (b) u (ċ) miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha u dan fil-waqt illi żamm ferm il-kontestazzjoni tiegħu dwar l-imputazzjonijiet (a) u (d)[1];

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi in atti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

[1] Ara l-verbal a fol. 74 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ u li m'humiex kontestati huma s-segwenti: Nhar l-10 ta' April 2009, il-pulizija mill-għassa ta' San Ġiljan ġiet infurmata tramite il-*Control Room* li kien hemm persuna ġewwa 39, Triq il-Ħemel, Swieqi, li sostniet li kienet ser tikkommetti suwiċidju. Għaldaqstant, pulizija mill-istess għassa marru immedjatament fuq il-post u hemmhekk sabu lill-imputat odjern, fi stat aġitat u anke aggressiv, sakemm finalment irnexxilhom jikkontrollaw is-sitwazzjoni billi anke mmanettjawh. Fil-kors ta' dan kollu u mit-tfittxija li saret fl-istess fond, instabu erba' pjanti tal-*cannabis*, kif ukoll xi sustanzi oħrajn u oġġetti relatati mal-użu tad-droga. L-imputat ittieħed ġewwa l-Isptar Monte Karmeli wara li ġie eżamint minn Dr. Mario Scerri, nominat mill-Maġistrat Inkwirenti għal dan il-għan u sussegwentement irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-28 ta' April 2009, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi.[2]

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Is-Supretendent Norbert Ciappara** jgħid li fl-10 ta' April 2009, huwa ġie infurmat mis-Supretendent Sharon Tanti illi l-Pulizija kienet irċeviet telefonata dwar persuna li kienet qegħda thedded li ser tikkommetti suwiċidju u sussegwentement, hekk kif aċċedew fuq il-post, sabu lill-imputat li deher li ma kienx fi stat tajjeb u dan fis-sens illi kien aġitat ħafna u beda joffri reżistenza għaliex ma ried lil ħadd madwaru, lanqas lil missieru, li kien preżenti fuq il-post. Skont ix-xhud, meta rnexxilhom jidħlu ġewwa, l-Pulizija lemħu xi dawl blu ħiereġ minn ġo armadju u fih sabu erba' pjanti tal-*cannabis*. Ix-xhud aċċeda fuq il-post u wara li rnexxielhom jikkalmaw lill-imputat biżżejjed, saret tfittxija, fejn instabu wkoll xi raża tal-cannabis u siringi użati. Dak in-nhar stess l-imputat ġie rikoverat għall-kura ġewwa l-Isptar Monte Carmeli u tteħditlu stqarrija nhar it-28 ta' April 2009[3];

2. **SM 547 Martin Agius** jgħid illi fl-10 ta' April 2009, huwa kien qiegħed ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan, meta ġew infurmati mill-Maġġur Marisa Bartolo, illi xi persuna kienet ċemplet fuq il-linja 1182 u qalet illi kienet ser tagħmel suwiċidju. X'ħin aċċedew fuq il-post, mit-tieqa ta' barra, setgħu jaraw raġel jitkellem fuq it-*telephone*. Kien qiegħed jitkellem pastaż u jidgħi u ma kienx liebes xieraq. Dan ma riedx jilbes, minkejja li ġie mitlub jagħmel dan diversi drabi. Daħlu ġewwa għax il-bieb kien miftuħ, iżda baqa' jirrifjuta li jilbes il-ħwejjeġ u kien ukoll aggressiv. F'ħin minnhom mar fil-kċina, fetaħ kexxun li fih kien hemm is-skieken u dak il-

[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 10 u 11 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 6 sa 9 tal-proċess. L-istqarrija tinsab esebita a fol. 10 u 11 tal-proċess.

ħin żammewh billi mmanettjawh. Sussegwentement, ġie meħud fil-kamra tas-sodda sabiex iġibu l-ħwejjeġ. X'ħin fetħu l-gwardarobba l-pulizija sabu erba' qsari li kien fihom il-pjanti tal-*cannabis*. Minn hemm il-pulizija tad-distrett infurmaw lill-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga. Ix-xhud ippreżenta r-rapport illi ħejja huwa stess dwar dan il-każ[4];

Għalkemm matul ix-xhieda tiegħu SM 547 Martin Agius fl-ebda ħin ma jindika illi l-persuna li kien qed jitkellem dwarha kien l-imputat odjern, mir-rapport li huwa ħejja dwar l-istess każ dakinhar tal-inċident, jirriżulta ċar li l-persuna in kwistjoni kienet l-istess imputat[5];

3. **L-Ispettur Trevor Micallef** jgħid illi fl-10 ta' April 2009 il-Pulizija ġew infurmati mill-*control room* li kienet daħlet telefonata fuq il-linja 1182 minn persuna li qalet illi kienet ser tikkommetti suwiċidju ġewwa l-indirizz 39, Triq il-Ħemel, Swieqi. Jgħid illi l-ewwel kienu marru fuq il-post is-Supretendent Sharon Tanti u xi pulizija oħrajn, u xi ħin wara kien mar ukoll hu. Meta aċċeda fuq il-post, huwa ra illi l-imputat odjern kien aġitat u anke aggressiv fil-konfront tal-pulizija, skont hu kien għarwien, talbuh biex jilbes u hekk kif marru jġibulu l-ħwejjeġ mill-gwardarobba u fetħuha, sabu erba' qsari bil-pjanti fihom u bid-dawl jagħti fuqhom. Fuq is-sodda kien hemm ukoll injama f'forma ta' werqa, b'xi raża fuqha u nstabu wkoll loqom ta' sigaretti. Fil-kċina nstabu xi siringi. Sussegwentement, l-imputat ġie rikoverat ġewwa l-Isptar Monte Carmeli[6];

4. **PC 733 Joseph Galea** xehed illi fl-10 ta' April 2009, ġie msejjaħ flimkien mal-Ispettur Norbert Ciappara u PS 136 sabiex jaċċedu fl-indirizz 37, Dorville, Triq il-Ħemel, Swieqi, biex jgħinu lill-pulizija tad-distrett. Preżenti kien hemm l-imputat odjern. Jgħid illi l-Ispettur ordnalu sabiex jagħmel tfittxija fil-fond. Fil-kamra tas-sodda, f'armadju kien hemm dawl qawwi ta' żewġ bozoz mixgħulin u fih kien hemm erba' pjanti suspettati *cannabis*. Fuq il-komodina, kien hemm żewġ siringi ġodda. Wara t-tustiera tas-sodda, kien hemm siringa oħra b'likwidu kannella ġo fiha, kif ukoll frak suspettat raża tal-cannabis. Fil-kamra tal-banju instabu *fertiliser* u żewġ xkejjer kbar bi trab abjad ġo fihom. Fil-kċina kien hemm madwar erba' bottijiet sustanza tal-pjanti u fil-bitħa interna kien hemm xi *peat* li jintuża fit-tkabbir tal-pjanti. Żied jgħid illi l-imputat beda joffri reżistenza u saħansitra beda jgħajjar lill-pulizija, jobżqilhom u jagħtihom bis-sieq[7];

---

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 23 sa 25 tal-proċess.
[5] Dan ir-rapport jinsab esebit bħala Dok. MA, a fol. 26 sa 28 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 29 sa 31 tal-proċess.
[7] Ara din ix-xhieda a fol. 34 sa 36 tal-proċess.

5. **PS 198 Arthur Debattista** li ġie nominat fl-atti tal-inkjesta bħala *Scene of the Crime Officer* jikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tiegħu.[8] Mill-istess relazzjoni[9], konġunta ma' dik ta' PS 239 Joseph Caruana, li ħa r-ritratti tal-fond in kwistjoni u tal-oġġetti hemm misjuba[10], jirriżulta *inter alia* illi mill-*closet* ġewwa l-kamra tas-sodda l-kbira, ġew elevati s-segwenti:

   i. Qasrija b'xitla twila madwar ħamsa u tmenin ċentimetru (85cm) minn wiċċ il-*compost* sal-quċċata. Maqlugħa mill-għeruq il-pjanta tiżen madwar 90.2 gramma;

   ii. Qasrija b'xitla twila madwar ħamsa u sittin ċentimetru (65cm) minn wiċċ il-*compost* sal-quċċata. Maqlugħa mill-għeruq il-pjanta tiżen madwar 41.6 gramma.

   iii. Qasrija b'xitla twila madwar disgħa u ħamsin ċentimetru (59cm) minn wiċċ il-*compost* sal-quċċata. Maqlugħa mill-għeruq il-pjanta tiżen madwar 85 gramma.

   iv. Qasrija b'xitla twila madwar ħamsa u tmenin ċentimetru (85cm) minn wiċċ il-compost sal-quċċata. Maqlugħa mill-għeruq il-pjanta tiżen madwar 78.4 gramma.

   In oltre minn fuq il-komodina fl-istess kamra tas-sodda, ġew elevati wkoll *inter alia* kontenitur bil-weraq niexef, mgħarfa b'biċċa tajjara u tiċpis ta' lewn sewdieni, *ashtray* kontenenti diversi loqom u loqom oħra li kienu mxerrdin fuq il-komodina, bott tal-ħġieġ trasparenti kontenenti kristalli bojod, bott tal-*Optrex*, u borża tal-plastik trasparenti li kien fiha kristalli bojod, siringa użata, biċċa *foil*, pakkett tas-siringi vojta u mgħarfa b'biċċa tajjara, kif ukoll tiċpis ta' lewn sewdieni. Minn fuq is-sodda, ġew elevati injama forma ta' werqa bi frak ta' weraq niexef fuqha u loqma ta' sigarett u biċċa sustanza ta' lewn kannella. Ġew elevati wkoll siringa użata minn fuq xkaffa tal-kompjuter, weraq niexef mill-kexxun ta' gradenza ġewwa *spare bedroom* u siringa użata minn fuq il-ħoġor tal-kamra tal-banju.

6. Mir-relazzjoni esebita mill-ispiżjar **Mario Mifsud**[11], maħtur fil-mori tal-inkjesta bħala espert forensiku, jirriżulta illi dwar id-dokumenti mgħoddija lilu għall-analiżi tiegħu, huwa kkonkluda bil-mod segwenti:

---

[8] Ara din ix-xhieda a fol. 57 sa 58 tal-proċess.
[9] Il-proċess verbal tal-inkjesta jinsab esebit bħala 'Dok. JM' a fol. 56 tal-proċess. Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 13 tal-istess proċess verbal.
[10] Ara a fol. 23 tal-proċess verbal.
[11] Ara x-xhieda tal-Ispiżjar Mario Mifsud a fol. 59 sa 60 tal-proċess u r-relazzjoni esebita a fol. 33 sa 80 tal-proċess verbal.

a) Illi ma nstabux sustanzi illegali fuq l-imgħarfa li kien hemm fid-dokument 506/10/05b, fit-trab abjad li kien hemm f'kontenitur tal-ħġieġ u fil-likwidu li kien hemm b'bott tal-"Optrex" fid-dokument 506/10/05d, il-likwidu li kien hemm fid-dokument 506/10/05e, fis-siringa, il-kaxxa tal-metall li kien hemm fid-dokument 506/10/05f, l-injama b'forma ta' werqa li kien hemm fid-dokument 506/10/06 u fit-tlett siringi li kien hemm fid-dokument 506/10/08 sa 506/10/10;

b) Illi l-kristalli bojod li kien hemm f'borża żgħira tal-plastik fid-dokument 506/10/05d instabu li kienu dawk tas-sustanza *citric acid*. Għalkemm din is-sustanza mhix kontrollata bil-liġi tista' tiġi wżata fit-teħid tad-droga erojina sabiex l-eroina tkun tista' tiġi njettata;

c) Illi nstabu traċċi tas-sustanza *Tetrahydracannabinol* (THC), sustanza li tinstab fil-pjanta tal-*cannabis*, fi speċi ta' loqom ta' sigaretti tal-brim li kien hemm fid-dokument 506/10/05c, f'*pipe* tal-metall li kien hemm fid-dokument 506/10/05e, u f'biċċa kartuna żgħira rrumblata li kien hemm fid-dokument 506/10/06;

d) Illi l-pjanti li kien hemm fid-dokument 506/10/01 sa 506/10/04, il-weraq li kien hemm fid-dokument 506/10/05a, il-frak ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 506/10/06 u l-weraq li kien hemm fid-dokument 506/10/11 u 506/10/12 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 297.10 grammi, instabu li kienu pjanti u weraq tal-pjanta tal-*cannabis*. F'dawn il-pjanti u l-weraq instabet fihom is-sustanza *Tetrahydracannabinol*, sustanza li tinstab fil-pjanta tal-*cannabis*. Il-purita medja tal-pjanti u l-weraq għas-sustanza *Tetrahydracannabinol* kienet ta' ċirka 5.2%;

e) Illi l-blokka ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 506/10/06a, f'ammont nett totali ta' 2.20 grammi, instabet li kienet raża tal-pjanta *cannabis*. F'din il-blokka ta' sustanza kannella instabet fiha s-sustanza *Tetrahydracannbinol*, sustanza li tinsab fil-pjanta tal-*cannabis*. Il-purita medja tal-blokka għas-sustanza *Tetrahydracannabinol* kienet ta' ċirka 8.3%. Il-pjanta u r-raża tal-*cannabis* huma kkontrollati bil-liġi taħt it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, waqt li s-sustanza *Tetrahydracannabinol* hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda ta' Parti A tal-Kapitoli 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

f) Fuq l-imgħarfa li kien hemm fid-dokument 506/10/05f instabu fuqha traċċi tas-sustanza *6-Monoacetylmorphine*. Din is-sustanza hija l-

prodott tad-degradazzjoni tas-sustanza Erojina. Din is-sustanza tifforma wkoll wara li s-sustanza Erojina tiġi msajjra sabiex tkun tista' tiġi njettata. Is-sustanza Erojina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitoli 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi mir-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri, nominat fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ sabiex jeżamina lill-imputat odjern, jirriżulta illi l-istess imputat kien ta' perikolu għalih inniffsu, iżda mhux għal terzi persuni, illi kien jidher *psychotic* u għalhekk huwa ċċertifikah b'emerġenza għall-isptar Monte Karmeli, fejn dan ittieħed taħt skorta tal-pulizija.[12]

Illi da parti tagħha d-difiża ressqet bħala xhud lil **Emanuel Mangani**[13] in rappreżentanza tal-Aġenzija Sedqa, li xehed illi ltaqa' mal-imputat odjern madwar għoxrin sena qabel meta huwa talab l-għajnuna minħabba problema ta' alkoħol. Jgħid illi din kienet problema serjissima. Tul is-snin l-imputat għamel diversi tentattivi sabiex joħroġ minn din il-problema, iżda ma kienx qiegħed jirnexxilu. Huwa ngħata *counselling*, attenda diversi programmi residenzjali u kien ukoll jattendi għal xi sessjonijiet. Żied jgħid illi għalkemm il-problema prinċipali kienet marbuta mal-alkoħol, fl-istess waqt l-imputat kien ukoll jagħmel użu minn sustanzi oħrajn. Xehed illi l-imputat kien ilu madwar erba' snin illi qata' l-kuntatt mal-Aġenzija Sedqa u għamel kuntatt biss minħabba l-proċeduri odjerni. Jgħid ukoll illi saru żewġ testijiet, wieħed minnhom ftit jiem qabel din ix-xhieda, liema testijiet irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.[14]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fit-28 ta' April 2009 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana**

[12] Ara din ir-relazzjoni a fol. 25 tal-proċess verbal.
[13] Ara din ix-xhieda a fol. 77 sa 82 tal-proċess.
[14] Ara Dok. DGM a fol. 83 tal-proċess.

**Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.
> 37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-

jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, bħal fil-każ odjern, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija kemm mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, kif ukoll mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

> "14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu għaliex kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha

dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;

(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and

(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto,* jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed

għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.
>
> 21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.
>
> ...
>
> 23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.
>
> 24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.
>
> 25. Barra minn hekk, l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.
>
> 26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...
>
> 27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet

taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.

28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101]." [sottolinear ta' din il-Qorti]

F'każ iżjed riċenti deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Settembru 2019, fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali**, f'liema każ il-posizzjoni legali fit-teħid ta' stqarrija kienet dik adoperata qabel l-10 ta' Frar 2010 u għalhekk qabel ġie fis-seħħ id-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, wara li rreferiet ukoll għall-każ **ta' Beuze v. Belgium**, l-istess Qorti kkonkludiet illi:

"10. Madanakollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali, **illi ma jkunx għaqli** – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – **illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija** għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tenniet ukoll is-segwenti:

"18. Il-qorti tqis illi l-ordni li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament, aktar milli rimedju għal ksur li, wara kollox, għadu ma seħħx, huwa garanzija tal-integrità tal-proċess u wkoll fl-interess pubbliku, biex ma jiġrix l-proċess kontra l-attriċi jkollu jitħassar wara li jintemm, b'ħela ta' ħin u riżorsi, li tkun forma oħra ta' inġustizzja għax il-liġijiet għandhom iħarsu mhux biss lil min hu mixli b'reat iżda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat.

19. Il-qorti għalhekk terġa' ttenni li ma jkunx għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali ...".

Huwa evidenti illi fil-każ odjern, jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija tal-imputat, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Huwa evidenti fil-każ odjern, illi bħal fil-każ ta' **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>**, fuq ċitat, in-nuqqas li l-imputat ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat ammetta għar-reati kollha li qiegħed jiġi akkużat bihom f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti għalhekk tqis illi fiċ-ċirkostanzi, ikun iżjed għaqli li timxi fuq il-passi li mxiet fuqhom il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija u tiskarta l-kontenut tal-istqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (ċ) miġjuba fil-konfront tiegħu ossia in kwantu r-reati ta' pussess 'sempliċi' tal-pjanta *cannabis,* kif ukoll tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għall-10 ta' April 2009 u x-xhur ta' qabel din id-data.

Għaldaqstant fid-dawl ta' din l-ammissjoni, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputat ħati ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

Min-naħa l-oħra, l-imputat qed jikkontesta l-imputazzjonijiet (a) u (d). Permezz tal-imputazzjoni (a), huwa qed jiġi akkużat bil-koltivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis*, fil-waqt illi l-imputazzjoni (d) tikkontempla r-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga eroina. F'dan ir-rigward fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ssostni illi dawn ir-reati jirriżultaw biss mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat; altrimenti, skont id-difiża, skartata din l-istqarrija ma tibqa' l-ebda provi fl-atti li tista' twassal għall-ħtija fl-imputat dwar dawn ir-reati. Id-difiża ssostni illi lanqas ma nġabet prova, per eżempju, illi l-fond in kwistjoni kien proprjeta` tal-imputat jew illi huwa kien jabita waħdu f'din ir-residenza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi jirriżulta ċar illi fl-10 ta' April 2009, l-imputat ċempel fuq il-linja 1182 u sostna li kien ser jikkommetti suwiċidju. Meta waslu l-pulizija fuq il-post, huwa kien fi stat ta' aġitazzjoni qawwija, u kien anke aggressiv fil-konfront tal-pulizija għalkemm skont l-espert Dr. Mario Scerri ma kienx ta perikolu għal terzi, tant illi mix-xhieda tas-Supretendent Norbert Ciappara jirriżulta wkoll illi l-pulizija

kellha bżonn l-assistenza tal-missier sabiex l-imputat seta' jiġi kkalmat, b'tali mod li setgħet issir tfittxija fil-fond in kwistjoni.

Illi jirriżulta wkoll illi waqt din it-tfittixija nstabu erba' pjanti tal-*cannabis*, kif ukoll weraq niexef tal-*cannabis* u anke raża tal-*cannabis*, apparti diversi oġġetti oħrajn relatati mal-użu tad-droga. Jirriżulta in oltre illi fil-maġġor parti tagħhom, dawn l-oġġetti nstabu fil-kamra tas-sodda, deskritta fir-relazzjoni ta' PS 239 Joseph Caruana u PS 198 Arthur Debattista, bħala l-kamra tas-sodda l-kbira.

Illi fil-fehma tal-Qorti, huwa evidenti illi l-imputat kellu l-kontroll effettiv fuq il-fond in kwistjoni u fuq l-oġġetti li kienu jinsabu fl-istess fond. Meta l-pulizija waslu fuq il-post, jidher illi sabu lill-imputat biss ġewwa. Xi pulizija jgħidu illi rawh jitkellem fuq it-telefon, fil-waqt illi kien qed jidgħi u jitkellem ħażin, f'liema waqt kien imneżża' jew tal-inqas ma kienx kompletament liebes, tant illi talbuh diversi drabi sabiex jilbes ħwejġu. F'ħin minnhom, l-imputat mar ukoll ġewwa l-kċina u fetaħ kexxun li kien fih is-skieken, f'liema punt il-pulizija żammewh u mmanettjawh. Kien proprju meta daħlu mal-imputat fil-kamra tas-sodda sabiex iġibulu ħwejġu, illi l-pulizija sabu l-pjanti in kwistjoni, liema pjanti kienu proprju ġewwa gwardarobba jew armadju fl-istess kamra tas-sodda.

Minn dan kollu, huwa ċar għall-Qorti mhux biss illi din kienet ir-residenza tal-imputat, iżda wkoll illi l-pjanti tal-*cannabis*, bħal bqija tad-droga li nstabet fil-fond għajr għal ftit mill-weraq niexef tal-*cannabis* li nstab fil-gradenza tal-i*spare bedroom*, instabu proprju fil-kamra tas-sodda li kienet tintuża minnu ossia dik deskritta bħala l-kamra tas-sodda l-kbira jew il-*main bedroom* tal-istess fond. Mir-ritratti esebiti mbagħad lanqas ma jibqa' dubju illi din il-kamra kienet tintuża minn persuna waħda ossia mill-imputat odjern, li fiha proprju kienu jinsabu ħwejġu. Fl-istess kamra tidher sodda li fuq naħa waħda biss għandha komodina, miżgħuda b'imbarazz liema bħalu fosthom *ashtray* b'diversi loqom ta' sigaretti u loqom oħrajn imxerrda fuq l-istess komodina, f'liema loqom instabu traċċi ta' *Tetrahydrocannabinol*, weraq niexef tal-*cannabis*, mgħarfa b'tajjar u tiċpis iswed, fuq liema mgħarfa nstabu traċċi ta' *6-Monoacetylmorphine* u borża tal-plastik trasparenti konsistenti f'kristalli bojod li kienu *citric acid*. Fuq is-sodda, li fuqha jidhru żewġ imħaded fuq xulxin fuq naħa waħda, instabu fost oħrajn, frak ta' lewn kannella li kien fih traċċi ta' *Tetrahydrocannabinol* u biċċa raża tal-*cannabis*. Il-flixkun tal-alkohol vojt fl-istess gwardarobba fejn kienu qegħdin jitkabbru l-pjanti, mbagħad, huwa wkoll indikattiv ferm dwar min kien jagħmel użu mill-istess gwardarobba. Dan kollu apparti l-ammissjoni tal-istess imputat illi fil-jum in kwistjoni u fix-xhur ta' qabel, huwa kien fil-pussess tal-pjanta u tar-raża tal-*cannabis*.

Illi fid-dawl tas-suespost u anke mill-atti proċesswali, minkejja li ġiet skartata l-istqarrija tal-imputat odjern, m'hemm xejn li jwassal lill-Qorti sabiex

tikkonkludi, imqar fuq bażi ta' probabbilta` illi fl-istess residenza kien jgħix ukoll ħaddieħor, jew inkella li jwassalha sabiex tiddubita illi l-pjanti u d-droga in kwistjoni kienu jappartjenu lill-imputat odjern u/jew in kwantu l-pjanti, illi dawn kienu qegħdin jitkabbru proprju minnu. Mill-bqija, lanqas ma hemm dubju illi fl-istess fond kienu qed jiġu kkoltivati l-istess pjanti u dan anke in vista tal-bqija tal-oġġetti konnessi mat-tkabbir tal-istess, li nstabu fl-istess residenza. Jirriżulta wkoll illi dan it-tkabbir kien qed jiġi mgħejjun bl-użu tad-dawl.

Għaldaqstant, il-Qort tqis illi l-imputazzjoni (a) miġjuba fil-konfront tal-imputat tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tal-imputazzjoni (d), imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bil-pussess tad-droga eroina. Dwar dan, irid jingħad illi fil-fond in kwistjoni ma nstabet l-ebda droga eroina. Mill-banda l-oħra, mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, jirriżulta illi l-kristalli bojod li kienu f'borża żgħira tal-plastik fuq il-komodina fil-kamra tas-sodda l-kbira, kienu dawk tas-sustanza *citric acid*, liema sustanza għalkemm mhijiex ikkontrollata mil-liġi, tista' tiġi wżata fit-teħid tad-droga. In oltre fuq imgħarfa li wkoll instabet fuq l-istess komodina, kien hemm traċċi tas-sustanza *6-Monoacetylmorphine,* liema sustanza hija prodott tad-degradazzjoni tas-sustanza eroina. Dwar dan, fl-istess relazzjoni tiegħu, l-espert jispjega wkoll illi din is-sustanza tifforma wara li s-sustanza eroina tiġi msajra sabiex tkun tista' tiġi njettata. Fil-fehma tal-Qorti, minkejja illi dakinhar tat-tfittxija ma nstabitx id-droga eroina, is-sejba tal-imsemmija sustanzi fuq il-komodina tal-kamra tas-sodda tal-imputat ma tħallix dubju illi l-imputat kien, f'xi żmien qabel l-istess tfittxija, fil-pussess tal-istess droga. Stante illi din l-imputazzjoni tirreferi mhux biss għall-jum tal-10 ta' April 2009, iżda wkoll għax-xhur ta' qabel din id-data, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni wkoll ġiet sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok il-fedina penali aġġornata tal-imputat, liema fedina penali kienet u baqgħet waħda netta.

Tqis ukoll illi l-imputat kellu problemi relatati kemm mal-alkoħol, kif ukoll mad-droga u illi skont dokument rilaxxjat mill-Isptar Monte Karmeli fit-22 ta' Ġunju 2017, bejn is-snin 2002 u 2014 huwa ġie rikoverat ġewwa l-istess sptar diversi drabi minħabba l-użu tal-alkoħol u anke tad-droga. Żewġ testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-imputat, li ttieħdu fis-sena 2017, irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.

Qieset ukoll il-piż tal-erba' pjanti, tal-weraq u tal-frak li nstabu fl-istess residenza, li b'kollox kien jammonta għal total ta' 297.10 grammi, u li għalhekk ċertament

li ma kienx piż insinjifikanti, kif ukoll illi r-raża tal-*cannabis* kellha piż ta' 2.20 grammi.

Għal fini ta' piena dwar l-imputazzjoni (a) ossia dik ta' koltivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis*, il-Qorti tqis ukoll illi bis-saħħa tal-emendi introdotti permezz tal-Att IV tas-sena 2020, id-definizzjoni tal-kelma "jittraffika" fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għadhiex tinkludi kull koltivazzjoni, iżda biss "*l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati*", b'dan għalhekk illi l-piena f'ċirkostanzi fejn il-koltivazzjoni tkun intiża biss għall-użu personali m'għadhiex dik ta' priġunerija tassattiva. F'tali ċirkostanzi, il-proviso tal-istess artikolu madankollu jipprovdi illi l-Qorti hija prekluża milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* u l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Imbagħad, bis-saħħa tal-Artikolu 4 tal-Att IV appena msemmi, id-disposizzjonijiet tal-istess Att japplikaw ukoll għall-kawżi pendenti quddiem kwalunkwe qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att. Għaldaqstant, l-emendi introdotti japplikaw ukoll għall-każ odjern.

Fil-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi illi l-koltivazzjoni in kwistjoni ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-imputat. Anzi mill-oġġetti misjuba fil-fond in kwistjoni, huwa tassew evidenti illi l-imputat kien jagħmel użu mid-droga, b'mod partikolari mill-pjanta tal-*cannabis*. Fil-fatt instab ukoll weraq niexef tal-*cannabis* u loqom tas-sigaretti tal-brim li kien fihom traċċi tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Irid jingħad ukoll illi lanqas il-Prosekuzzjoni m'hija qegħda tavvanza t-teżi illi l-imputat kien qed jikkoltiva tali pjanti bl-iskop illi jispaċċa l-istess, tant illi permezz tat-tieni imputazzjoni, huwa ġie akkużat biss bil-pussess 'sempliċi' tal-pjanta tal-*cannabis* u mhux bir-reat ta' pussess aggravat tal-istess. Għaldaqstant, la darba din il-Qorti ma tqisx illi hemm provi li juru illi tali koltivazzjoni ma kinitx għall-użu esklussiv tal-imputat, m'hemm xejn li jipprekludi lill-Qorti milli timponi piena alternattiva għall-priġunerija.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis ukoll illi din il-kawża tirrisali għas-sena 2009 u li għalkemm f'diversi seduti ma sar xejn fuq talba tad-difiża għal differiment jew stante illi l-imputat ma deherx minkejja li kien debitament notifikat, huwa minnu wkoll illi diversi differiment intalbu mill-Prosekuzzjoni, b'tali mod illi l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fi Frar 2016.

F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha illi piena ta' priġunerija effettiva ma tkunx idonea. Madankollu, stante illi l-piż tad-droga ma kienx wieħed żgħir, tqis illi tkun xierqa piena ta' priġunerija sospiża, flimkien ma' Ordni ta' Superviżjoni, u dan fid-dawl tad-diffikultajiet tal-istess imputat, kif riżultanti mix-xhieda ta' Emanuel Mangani.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(ċ), 8(d), 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum, kif ukoll għall-piena ta' multa ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum. B'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi legali kemm il-darba huwa jikkommetti reat punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Superviżjoni.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jinħatar Uffiċjal Sorveljanti li jissorvelja lill-ħati.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' mitejn, tnejn u sebgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmi (€272.88), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni esebita mis-*Scene of the Crime Officer*s PS 239 Joseph Caruana u PS 198 Arthur Debattista, is-somma ta' mija, tmienja u tletin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€138.37), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tat-tabib Dr. Mario Scerri, kif ukoll is-somma ta' sitt mija u sebgħin ewro, tmienja u tmenin ċenteżmu (€670.88), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, liema spejjeż jammontaw komplessivament għas-somma ta' elf, tnejn u tmenin ewro u tlettax-il ċenteżmu (€1082.13). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument

għandu jiġi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat